**31 ta' Jannar, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. - President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel Arrigo LL.D.**

Dr. Albert Camilleri, M.D.

*versus*

Direttur tas-Sigurtà Soċjali

## L-Att X ta' l-1987

*Fil-liġi wieħed ma jistax jislet artikolu wieħed u jikkonsidrah qisu l-oħrajn ma jeżistux. Kull liġi hija ġabra omoġenea ta' regoli abbinati flimkien u interaġenti.*

*Il-Qorti tara li l-prinċipju li l-art. 67 ta' l-Att X ta' l-1987 ried jissalvagwarda hu li meta jkun hemm fl-istess żmien dritt għal pensjoni tas-servizz u dritt għal pensjoni taħt l-Att X ta' l-19987, dik ta' l-ewwel trid titnaqqas minn ta' l-aħħar u minn imkien ma jirriżulta mill-istess Att li jekk il-pensjoni tas-servizz timmatura wara li jkun ġia' ġiet ottenuta pensjoni taħt l-Att X ta' l-1987 dak li jkun ikollu dritt għaż-żewġ pensjonijiet salv dak li jingħad dwar il-pensjoni tal-Membri Parlamentari.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell mid-deċiżjoni ta' l-Arbitru maħtur taħt l-Att X ta' l-1987 fuq appell ta' Dr. Albert Camilleri minn deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali;

Ir-rikors ta' l-appell li r-rikorrent Dr. Camilleri ppreżenta quddiem din il-Qorti jaqra hekk:-

1. Illi huwa kellu kwistjoni mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali liema kwistjoni tressqet b'appell quddiem Arbitur fit-2

ta' April,1990, skond l-annessi dokument A u B;

2. Illi fl-1 ta' Awissu, 1990, huwa ċeda parti mill-appell u żammu ferm għall-kumplament (Doc C);

3. Illi fit-18 ta' Diċembru, 1990, l-arbitru ċaħad l-appell (Dok. D.). Din id-deċiżjoni ġiet innotifikata lill-esponent fis-26 ta' Diċembru, 1990;

4. Illi huwa jħoss ruħu aggravat b'dik id-deċiżjoni u qiegħed permess *tal-preżenti jinterponi appell minnha quddiem* din l-Onorevoli Qorti;

5. L-esponenti kien tkeċċa mill-impjieg tiegħu mal-Gvern għaliex *ħa parti f' azzjoni industrijali ordnata mill-Union tiegħu*. B'hekk, apparti mill-impjieg, tilef id-dritt għal pensjoni li kien intitolat jieħu meta jirtira;

6. Wara din it-*tkeċċija*, *hu esserċita* l-*professjoni* tiegħu privatament, ħallas il-bolli tas-Sigurtà Soċjali, irtira meta għalaq 65 sena u ngħata l-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali kif ikkontemplat fl-artikolu 53 tal-Att X ta' l-1987;

7. L-art. 53 jgħid b'seħħ mid-data meta tirtira, persuna jkollha dritt għal pensjoni taż-Żewġ Terzi skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 64 u 69 ta' l-istess Att;

8. L-art. 67 jgħid illi meta persuna **jkollha dritt għal pensjoni** tas-servizz kull pensjoni li wieħed jasal għaliha taħt l-istess att għandha titnaqqas bl-ammont ta' dik il-pensjoni tas-servizz. Peress li dan l-artikolu huwa wieħed minn grupp li

jitkellmu fuq il-metodu u kundizzjonijiet kif u meta tinħadem l-pensjoni l-ewwel darba, huwa ċar li l-kliem "**jkollha dritt għal pensjoni** jirriferi għal fatt eżistenti u mhux għal dak li jista' jiġri *fil-futur*;

9. Dan huwa anke kkonfermat minn arikolu ieħor. Peress li l-Att X ta' l-1987 huwa liġi soċjali, li l-leġislatur daħħal fih l-art. 94 li jgħid li ebda pensjoni li titħallas taħt l-artikoli fuq imsemmija ma għandha titnaqqas, wara li tingħata, minħabba xi żieda **li tibda sseħħ** wara li dik il-persuna jibda jkollha dritt għall-pensjoni *tas-Sigurtà Soċjali*;

10. Il-Gvern ried issa jtaffi l-inġustizzja li kienet saret ma' dawk kollha li ħadu parti fl-azzjoni industrijali u għandda liġi – Att V ta' l-1988 – biex jagħmel dan. L-*Objects and Reasons* tal-*Bill* jgħid "*The object of this Bill is to implement the agreement reached between the Goverment and MAM – The Medical Union – to settle the ten year old medical dispute, as regards the reinstatement of pension rights of doctors whose sevice with the Goverment was terminated or suspended or who otherwise lost their employment with the Government as a consequence of that dispute;*

Il-kliem użati fl-Art. 12 ta' l-Att V għar-rigward il-pensjoni tas-servizz li kienet qiegħda tiġi awtorizzata huma:-

11A (2) Dak l-uffiċjal **għandu jkun biss intitolat:-**

(b) għal dik il-pensjoni b'seħħ mid-19 ta' Gunju, 1987;

Għalhekk jidher li l-leġislatur qagħad attent li juża l-istess kliem ta' l-Art. 67 ta' l-Att X ta' l-1987 u ċjoè:

art. 67 Meta persuna **jkollha dritt;**

Dawn il-kliem jimminċottjaw mal-kliem "Jkun biss intitolat" u juru li l-intenzjoni kienet li tingħata xi ħaġa biex tpatti għall-inġustizzja li kienet saret: żgur li ntużaw l-istess kliem biex ma jkun hemm ebda dubbju li l-Art. 94 ma japplikax;

11. L-esponent appella mid-deċiżjoni tad-Direttur li rreveda l-pensjoni mogħtija snin qabel u naqqaslu ammont equivalent għall-pensjoni li kien ġie mogħti mill-liġi l-ġdida; l-Arbitur ċaħad l-appell billi qal li l-art. 94 kien japplika kieku t-tabib Camilleri kellu xi pensjoni tas-Servizz Ingliż. Din ir-riferenza ma għandha x'taqsam xejn, għax l-art. 94 lill-Ingliż ma jsemmihomx. Ngħad ukoll verbalment li l-prinċipju ġenerali hu li wieħed jieħu pensjoni waħda. *Dan mhux negat, imma kull* regola għandha l-eċċezzjoni u dawk li għandhom pensjoni mill-Gvern Ingliż jieħu pensjoni aktar mid-doppju minn dawk li jieħdu pensjoni aktar mid-doppju minn dawk li jieħdu pensjoni mingħad il-Gvern *Malti għax dawn kienu tilfu l-impieg* qabel iż-żmien; hemm anki Membri tal-Parlament li għandhom żewġ pensjonijiet u joħduhom bla tnaqqis;

12. L-unika interpretazzjoni loġika hija illi l-art. 94 japplika f'dan il-każ peress li l-Att V sar liġi wara ħafna snin li l-esponent kien irtira u rċieva l-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali. Ma hemm ebda loġika la fit-teżi tad-Direttur u lanqas fid-deċiżjoni ta' l-Arbitru. Jekk dawn jiġu analizzati dawn jaslu biss li l-Att V kien intiż biex parti mill-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali li kienet qiegħda ġa titħallas mid-Dipartiment kellha, mid-data ta' l-Att V, tibda titħallas minflok mit-Teżor jew fi kliem ieħor, l-art. 11(2) (b) seta' ma sar xejn għax it-tobba baqgħu kif kienu!

Għaldaqstant l-esponent, filwaqt li jġib l-infraskritta malleverija biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dana l-Appell, jitlob bir-rispett li din l-Onor. Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni ta' l-Arbitru fuq imsemmija tat-18 ta' Diċembru, 1990, billi tilqa' l-appell fuq imsemmi (Dok. A u B) mill-esponenti quddiem l-arbitru wara li tkun ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tad-Direttur tas-Sigurtà Soċjali, u dan skond l-art. 112 ta' l-Att X ta' l-1987;

Bl-ispejjeż;

Id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali, in risposta għall-appell ta' Dr. Camilleri ssottometta dan li ġej:-

*Illi l-interpretazzjoni li l-appellant qed jagħti ta' l-artikolu* 67 ta' l-Att X tal-1987 hija skorretta permess li skond l-istess arikolu, 67, it-tnaqqis tal-pensjoni li persuna tkun qed tirċievi ssir malli din il-persuna jkollha dritt għal pensjoni tas-servizz dan stante li l-kliem: "meta persuna jkollha dritt għal pensjoni tas-servizz...." ma jistgħux jiġu interpretati b'tali mod li t-tnaqqis ikkontemplat mil-liġi ma japplikax jekk il-persuna li qed tirċievi pensjoni oħra bħal per eżempju, pensjoni taż-Żewġ Terzi u l-istess persuna ssir intitolata għal pensjoni tas-servizz f'perjodu sussegwenti għall-konsiderazzjoni tat-talba oriġinali għall-pensjoni;

Illi in effetti, peress li l-istess artikolu 67 ma jispeċifikax meta d-dritt tal-pensjoni tas-servizz għandu jew jista' javvera ruħu, xorta waħda għandu japplika dan l-artikolu anke jekk persuna ssir intitolata għall-pensjoni tas-servizz f'perjodu sussegwenti għat-talba ta' pensjoni tas-sigurtà soċjali u għall-ħlas relattiv ta' l-istess pensjoni tas-sigurtà soċjali;

Illi subordinatment u bla preġudizzju għas-suespost, anki l-interpretazzjoni mogħtija mill-appellanti ta' l-artikolu 94 ta' l-Att X ta' l-1987 hija skorretta peress li l-imsemmi artikolu 94 jiggrantixxi li ma jkunx hemm tnaqqis fil-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali b'riżultat ta' **xi żieda fil-pensjoni tas-servizz;**

Illi peress li l-artikolu 94 jitkellem dwar "xi żieda........fl-ammont li jitħallas lil dik il-persuna bħala pensjoni tas-servizz" u mhux dwar l-ammont kollu tal-pensjoni tas-servizz, il-prekluzzjoni *mit-tnaqqis tapplika biss se si tratta ta' ħlas ta'* ***żieda*** fl-ammont ta' pensjoni tas-servizz;

Illi fil-każ ta'l-appellant ma kienx hemm ħlas ta' pensjoni tas-servizz "*ab initio*" iżda fid-19 ta' Lulju, 1897, ai termini tal- fuq imsemmi artikolu 11A ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, kien hemm għotja ta' pensjoni ta' servizz liema għotja qatt ma tista' tiġi kkonsidrata bħala żieda fl-ammont ta' pensjoni tas-servizz peress li l-appellant kif huwa stess kien iddikjara fl-applikazzjoni tiegħu għal Pensjoni għal Min Jirtira, qabel id-19 ta' Lulju, 1987, ma kienx qed jirċievi l-ebda pensjoni tas-servizz;

Illi loġikament, jidher ċar li wara d-19 ta' Lulju, 1987, ċjoè wara l-imsemmija għotja ta' Pensjoni tas-Servizz kien hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi ta' l-appellant. Kienet meħtieġa revizjoni tal-pensjoni, liema revizjoni hija awtorizzata skond l-artikolu 113 ta' l-att X ta' l-1987 u ġie applikat l-artikolu 67 (2) ta' l-istess Att X ta' l-1987 għall-każ in eżami;

Illi f'dan ir-rigward skond il-fuq imsemmi artikolu 113–

"Id-Direttur jew l-Arbitru, wara li jagħti xi deċiżjoni fuq

xi talba jew kwistjoni jista' jirrevedi dik id-deċiżjoni jekk ikun sodisfatt illi:-

(a) tkun ingħatat, billi ma kienx magħruf xi fatt materjali jew illi d-deċiżjoni kienet ibbażata fuq żball dwar xi fatt materjali; jew ;

(b) mid-data tad-deċiżjoni sar xi tibdil rilevati taċ-ċirkostanzi;

u jistà jagħti deċiżjoni riveduta li tibda sseħħ minn dik id-data li jistà jiddeċiedi'';

Fi kliem ieħor, ai termini ta' l-artiklolu 113 (2) id-Direttur setà jirrevedi rata tal-pensjoni li l-appellant kien qed jirċievi stante li bħal riżultat tal-għotja ta' pensjoni ta' servizz a bażi ta' l-arikolu 11A ta' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet kien hemm tibdil rilevanti fiċ-ċirkustanzi ta' l-istess appellant;

Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jagħmel riferenza għall-provi miġbura jirriserva d-dritt li jressaq dawk il-provi l-oħra permissibbli skond il-liġi, jitlob bir-rispett li dina l-Onorabli Qorti jagħġobha tiċħad l-appell inerpost u tikkonferma d-deċiżjoni ta' l-Arbitru tat-18 ta' Diċembru, 1990, bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Id-deċiżjoni ta' l-Arbitru li ġġib id-data tat-18 ta' Diċembru, 1990, *u li minnha sar l-appell* preżenti, taqra *hekk*:-

L-Arbitru,

Ra l-appell tat-tabib Albert Camilleri;

Sema' lill-partijiet;

Ra l-inkartament kollu;

Ikkunsidra illi l-artikolu 94 ta' l-Att X ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali jiddisponi li "ebda pensjoni li titħallas lil persuna taħt l-artikolu 26 jew it-Taqsimiet IV jew V ta' dan l-Att m'għandhom jitnqqsu minħabba f'xi **żieda** (is-sottolinear huwa ta' l-Arbitru) li tibda sseħħ wara li dik il-persuna jibda jkollha d-dritt għal dik il-pensjoni kif imsemmi qabel...";

Illi fil-fatt it-Tabib Camilleri fl-1987 ma ġiex mogħti żieda fil-pensjoni iżda kellu għotja ta' pensjoni tas-Servizz;

L-artikolu 94 kien japplika kieku t-tabib Camilleri kellu pensjoni tas-servizz Ingliża li din tiżdied kull tant żmien u għalhekk f'dan il-każ, ma kinetx tkun tista' tonqos il-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali;

Ikkunsidra wkoll li l-għotja ta' din il-pensjoni tas-Sevizz in forza ta' l-Att Nru. V ta' l-1988, ħolqot bidla ta' ċirkostanzi u għalhekk id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali kien intitolat jirrivedi l-pensjoni mogħotja taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali;

Għalhekk, l-Arbitru jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni ta' l-istess Direttur in kwantu jirrigwarda dan il-punt;

Din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawża, u semgħet it-trattazzjoni, tasal għall-konklużjonijiet li ġejjin;

1) Il-punto di partenza, fil-fehma tagħha jkun il-fatt illi meta wara l-azzjoni industrijali li għaliha hemm riferenza firrikors promotorju ta' dan il-ġudizzju, l-appellant tkeċċa millimpjieg tiegħu bħala tabib fis-servizz pubbliku, huwa tilef ukoll id-dritt tiegħu għal pensjoni għal meta jirtira minn dak is-servizz u din kienet għadha l-posizzjoni meta ġie fis-seħħ l-Att X ta' l-1987 u għalhekk la kellu u anqas ma kien intitolat għal pensjoni tas-servizz kieku ma kienx għal dak l-Att;

2) Bl-Att V ta' l-1988 li ġie **wara** l-Att X ta' l-1987, l-appellant Dr. Cammilleri ġie ri-integrat fid-dritt tiegħu għal pensjoni tas-servizz iżda b'seħħ mid-19 ta' Ġunju, 1987, Infatti kif ġie rrilevat fl-*Objects and Reasons* ta' l-Abbozz tal-Att V ta' l-1988 kien proprju "*to settle the ten year old dispute as regards the reinstatement of pension rights of doctors whose service with the Government was terminated or suspended, or who otherwise lost their employment with the Government as a consequence of that dispute*";

3) Toħroġ weħedha l-ewwel konklużjoni ovvja u ċjoè li l-Parlament ried l-ewwel u qabel kollox jirrintegra lil ċerta kategorija ta' tobba fid-drittijiet tagħhom ta' pensjoni tas-servizz liema dritt kienu tilfu bit-tkeċċija tagħhom mill-impjieg għaxar snin qabel;

F'din il-kategorija kien hemm tobba li fid-19 ta' Gunju, 1987, kien diġà laħqu l-età ta' sittin sena, oħrajn li l-istess kienu laħqu din l-età però ikunu reġgħu ġew impjegati, oħrajn li f'dik id-data ma kinux laħqu l-età ta' sittin sena però xorta waħda ma jkunux komplew fis-servizz u fl-aħħarnett, oħrajn li f'dik id-data ma jkunux laħqu dik l-età iżda reġgħu komplew fis-servizz;

Għal kull waħda minn dawn il-kategoriji ta' tobba, l-Att V ta' l-1988 jipprovdi ad hoc billi ċ-ċirkostanzi evidentement huma differenti f'kull każ;

L-istess Att ikopri wkoll dawk it-tobba li laħqu mietu mit-2 ta' Gunju, 1977, u li kienu tilfu l-pensjoni tas-servizz minħabba r-raġunijiet li ssemmew;

4) Il-problema tinqalà mhux għax l-Att V ta' l-1988 mhux ċar fil-prinċipju iżda għaliex fil-fehma ta' l-appellant, ġie b'xi mod jikkozza ma' l-Att X ta' l-1987 li jirregola "*inter alia*" l-għoti ta' pensjonijiet għal min jirtira u l-pensjoni taż-żewġ terzi taħt l-iskema tas-Sigurtà Soċjali;

5) Dak li hu ċertament ovvju, hu li meta ġie approvat l-Att V ta' l-1988, ma sarx bħal ma kien sar fl-Att XXVI tal-1979, kif emendat bl-Att VII ta' l-1989 rigward il-pensjoni ta' membri tal-Parlament (vide Artikolu 4 (3) ċjoè ma ġietx definita l-kwistjoni dwar x'ser jiġri jekk tkun qed, jew ser tkun tibda tiħallas il-pensjoni taħt l-Att X ta' l-1987 ukoll; ma ġietx irregolata b'mod eċċezzjonali kategorija ta' persuni għal-fini ta' l-Att X ta' l-1987, iżda sempliċiment il-kategorija ta' tobba msemmija ġew reintegrati fid-drittijiet ta' pensjoni tas-servizz tagħhom b'mod li la fl-Att ta' l-1988 ma hemm jew saret riferenza għall-Att X ta' l-1987 u anqas ma ġie emendat dan l-aħħar Att bħala konsegwenza tal-promulgazzjoni ta' l-Att X ta' l-1988;

6) It-tieni konklużjoni li għalhekk bilfors trid tasal għaliha din il-qorti hija li għall-fini ta' l-Att X ta' l-1987, it-tobba kollha in kwistjoni għandhom jirċievu l-istess trattament bħaċ-ċittadini l-oħra kollha u għalhekk wieħed irid jara x'inhi l-posizzjoni taċ-ċittadini l-oħra kollha – ħlief il-Membri Parlamentari – u s-

soluzzjoni għandha tkun l-istess għal kulħadd sakemm il-Parlament ma jipprovdix mod ieħor;

7) Il-pern tal-kwistjoni kollha jinsab fl-artikoli 67 u 94 ta' l-Att X ta' 1987 ċjoè kif għandhom jiġu applikati għall-każ preżenti u każi analogi;

Fuq dan jista' jingħad dan li ġej u ċjoè:-

a) il-prinċipju li jenunċja l-artikolu 67 ta' l-Att X ta' l-1987 hu li meta persuna jkollha dritt għall-pensjoni tas-servizz, kull pensjoni li wieħed jasal għaliha skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att X ta' l-1987, għandha titnaqqas bl-ammont ta' dik il-pensjoni tas-servizz;

b) il-prinċipju li jenunċja l-artikolu 94 ta' l-Att X ta' l-1987 hu li ebda pensjoni bħal dawk in kwistjoni m'għandha titnaqqas minħabba f'xi żieda li tibda sseħħ wara li dak il-persuna jibda jkollha dritt għal dik il-pensjoni, fl-ammont li jitħallas lil dak il-persuna bħala pensjoni tas-servizz;

8. Id-diferenzza bejn il-partijiet tikkonsisti f'dan li ġej:-

(a) l-appellant ma jaqbilx ma' l-appellat billi jissottometti li l-artikolu 67 jippreżumi li qabel ma tiġi stabbilita l-pensjoni taħt l-Att X ta' l-1987 irid ikun hemm diġà pensjoni tas-servizz, ċjoè li din ta' l-aħħar tkun preċedenti kronolġikament;

(b) l-appellant ukoll ma jaqbilx ma' l-appellat billi jissottometti li żieda fil-pensjoni tas-servizz kif ikkontemplata fl-artikolu 94 ta' l-Att X ta' l-1987 tkopri wkoll il-każ fejn qabel ma kienx hemm pensjoni tas-servizz u f'ċertu mument wieħed

jottjeni tali pensjoni – għall-appellant fiż-żewġ każi si tratta ta' żieda fil-pensjoni tas-servizz;

9. Din il-Qorti tibda biex tgħid li ċertament ma taqbilx ma' din l-aħħar sottomissjoni li għadha kemm issemmiet. Dana għaliex fil-każ li qed jikkontempla l-art.94 si tratta ta' żieda fil-pensjoni tas-servizz mentri fil-każ odjern si tratta ta' żieda tal-pensjoni tas-servizz u hu ovvju li ż-żewġ każijiet mhumiex l-istess;

10. Tibqa' biss għalhekk il-kwistjoni ta' l-artikolu 67. F'dan ir-rigward din il-qorti tara li s-soluzzjoni tinsab fil-kliem "ikollha dritt għall-pensjoni tas-servizz" u "kull pensjoni li wieħed jasal għaliha";

11. Din il-Qorti ma taqbilx li minħabba li l-artikolu 67 jinsab fil-kuntest ta' numru ta' artikolu li jirregolaw kif tiġi kkalkolata l-ewwel darba pensjoni taħt l-Att X ta' l-1987 allura jfisser li biex isir it-tnaqqis tal-pensjoni ta-servizz din trid bil-fors teżisti qabel. Fil-liġi wieħed ma jistax jislet artikolu wieħed u jikkonsidrah qisu l-oħrajn ma jeżistux. Kull liġi hija ġabra omogenea ta' regoli abbinati flimkien u interagenti. Fl-interpretazzjoni li qed jagħti l-appellant qed jinsa li l-Att X, fir-regolament tal-pensjonijiet hemm ikkontemplati, ma jirreġimentax biss l-ewwel iffissar ta' tali pensjonijiet, iżda anki kif jistgħu jiżdiedu u jitnaqqsu u f'ċerti ċirkostanzi anki jibqgħu mhux mittiefsa. Għalhekk meta l-artikolu 67 jirrefer għal "kull pensjoni li wieħed jasal għaliha " ma jistax qed jirregola biss l-ewwel iffissar ta' l-istess pensjoni oriġinali jew sussegwenti u dan għaliex tali pensjoni wieħed jista' jasal għaliha minn żmien għal żmien skond kif jitbiddlu ċ-ċirkostanzi;

12 Minn dan, din il-Qorti tara li l-prinċipju li l-artikolu 67 ried jissalvagwarda hu li meta jkun hemm fl-istess żmien dritt għal pensjoni tas-servizz u dritt għal pensjoni taħt l-Att X ta' l-1987, dik ta' l-ewwel trid titnaqqas minn ta' l-aħħar u minn imkien ma jirriżulta mill-istess Att li jekk il-pensjoni tas-servizz timmatura wara li jkun ġia ġiet ottenuta pensjoni taħt l-Att X ta' l-1987 dak li jkun ikollu dritt għaż-żewġ pensjonijiet salv dak li ngħad diġà dwar il-pensjoni tal-Membri Parlamentari;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni ta' l-arbitru. L-ispejjeż, stante ċ-ċirkostanżi, jiġu sopportati mill-partijiet nofs kull wieħed.